**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 26 t'Ottubru 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**DIAEDDIN ARAB**

**KUMP NRU 1282/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Diaeddin Arab, detentur ta' karta tal-identita bin-numru, 19450A u joqghod Juno Door C, Triq Juno, Pembroke, gie akkuzat talli:

1. Gewwa l-Mosta fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Dicembru 2008 u 16 ta' Dicembru 2008, ikkometta serq ta' vettura tal-ghamla Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni **ABJ415** liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Isslam Tawfik Issa u / jew persuni ohra;

2. U aktar talli fil-25 ta' Dicembru 2008 u fil-granet ta' qabel xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi €116.47, saret ghad-dannu tal-imsemmi Isslam Tawfik Issa u / jew persuni ohra;

4. Talli wkoll fil-25 ta' Dicembru 2008 u fil-granet ta' qabel ghamel uzu mill-vettura ABJ415 ta' ghamla Mazda minghajr ma kien kopert b'assigurazzjoni ghal terzi persuni u licenzja valida tas-sewqan;

5. Talli wkoll fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi ksirt il-provediment ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghek b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrar Dr.Silvio Demicoli LL.D datata 22 t'April 2008

6. Fl-ahhar nett nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recidivi ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti wkoll hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-16 ta' Jannar 2009 (ara *folio* 25) sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 26 ta' Ottubru 2016 fejn, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Xort wahda qed tinghata l-piz fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset id-dikjarazzjoni ta` l-imputat fl-udjenza ta` llum stess fejn tindika d-dispjacir tieghu ghall-ghemilu u fejn huwa assuma r-responsabbilta` minghajr rizervi ghal dak li ghamel. Qieset id-dikjarazzjoni ta’ l-imputat li fi zmien ta’ meta sehh dan il-kaz huwa kien ghaddej minn zmien difficli hafna. Huwa talab ghall-klemenza ta’ din il-Qorti.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-imputat jidher li huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, ‘Il-Pulizija vs George Farrugia’, deciza 18/01/2001).

Izda, minkejja dan, u minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 28B, 49, 50, 261, 263, 267, 270, 271, 334 u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 **issib lil imputat Diaeddin Arab mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah; izda ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu u konsegwentement (a) tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien tmintax (18) il-xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erbgha snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**. **Inoltre tikkundannah ghall-multa ta' elf (€1,000) ewro.**

**Ghall dak li jirrigwarda l-paragrafu numru hamsa tal-imputazzjonijiet din il-Qorti qed tordna li s-Sentenza moghtija fil-konfront tal-hati nhar it-22 ta' April 2008 (fejn inghata piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erbgha snin) tega tibda tiddekorri millum.**

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Diaeddin Arab, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur